

3. It-tielet motiv, invokat sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, sa fejn il-Kummissjoni eżiġiet l-irkupru tal-għajnuna bi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tad-drittijiet tad-difiża.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2015 – Tengelmann Warenhandelsgesellschaft vs UASI —
Fédération Internationale des Logis (T)**

(Kawża T-756/15)

(2016/C 059/56)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Tengelmann Warenhandelsgesellschaft KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Prange, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Federation Internationale des Logis (Pariġi, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant tat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "T" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 623 022

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tal-31/08/2015 fil-Każ R 2653/2014-5

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u tamendaha sa fejn l-oppożizzjoni hija miċħuda fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-konvenut u, skont il-każ, il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2015 – Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-759/15)

(2016/C 059/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fiat Chrysler Finance Europe (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: J. Rodriguez, Solicitor, M. Engel u G. Maisto, avukati)